**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 66/2020**
**Appell Numru 68/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Paul Mallia**

Illum 11 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant/appellat **Paul Mallia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 453181(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-30 ta' April 2018 f'xi ħin bejn is-1pm u s-2pm f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, anki jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

[1] *A fol.* 24 *et seq.*.

1. bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sage Gauci u/jew ta' xi persuna/i oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u/jew indipendenti mill-volonta' tiegħu;

2. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ta' iżjed minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) liema ħsara saret għad-dannu ta' Rodney Joseph Angelo De Gabriele, Sage Gauci u/jew persuni u/jew entita/jiet oħra;

3. fl-istess ċirkostanzi saq vettura bil-mutur b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż;

4. bħala d-*driver* ta' vettura naqas milli joqgħod attent il-ħin kollu u/jew naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera;

5. meta kien ser jibdel id-direzzjoni jew il-kors naqas milli jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa;

6. bħala persuna li kien qed isuq jew kien inkarigat minn vettura bil-mutur, bi traskuraġni, żamm, fixkel, jew qata' l-mogħdija jew ma ħalliex skaplu għal mogħdija ta' vettura/i oħra;

7. bħala *driver* li kien qed isuq vettura, b'liema vettura ġara xi inċident li kien jinvolvi offiża fuq persuna oħra jew ġiet kaġunata ħsara lil xi vettura, annimal jew proprjeta' oħra, naqas milli jieqaf u naqas milli javża lill-Gwardjani Lokali u/jew lill-Pulizija minnufih, sabiex jagħtihom dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa;

8. b'hekk ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' tliet xhur priġunerija sospiżi għal tmintax-il

xahar, mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-29 ta' Jannar 2018.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex:

a. titratta ma' Paul Mallia bħala reċidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c. b'żieda mal-piena, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan kif maħsub f'Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Marzu 2020 fejn filwaqt li l-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u minnha lliberatu, wara li rat Artikoli 28A, 28B, 49 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u Regolamenti 67(1)(5), 75, 76, u 77(1) ta' l-Avviż Legali 128 tas-sena 1994, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu u tagħhom ikkundannatu tmintax (18)-il xahar priġunerija u b'applikazzjoni ta' Artikolu 28B tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta daħħlet fis-seħħ is-sentenza sospiża mogħtija fid-29 ta' Jannar 2018 permezz ta' liema l-imputat ġie kkundannat tliet xhur priġunerija. *In oltre* b'applikazzjoni ta' Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti

skwalifikat lill-imputat minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sitt xhur, liema perjodu kellu jibda jiddekorri wara li l-imputat jiskonta ż-żewġ perjodi ta' priġunerija fuq imsemmija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LOW 726 u b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf, seba' mija, erbgħa u tletin Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€1734.71) rappreżentanti spejjeż inkorsi mal-ħatra ta' esperti.

Rat ir-Rikors tal-appellant/appellat Avukat Ġenerali ppreżentat fil-5 ta' Ġunju 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:*

1. ***<u>Tikkonferma</u>*** *s-sentenza appellata fil-parti fejn:*

   *(i) sabet lill-appellat Paul Mallia ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet dedotti kontrih; u*

   *(ii) irriteniet li l-appellat Paul Mallia għandu jitqies reċidiv ai termini ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

   *(iii) daħħlet fis-seħħ is-sentenza sospiża mogħtija fid-29 ta' Jannar 2018 permezz ta' liema l-appellat Paul Mallia ġie kkundannat tliet (3) xhur priġunerija; u*

   *(iv) skwalifikat lill-appellat Paul Mallia minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sitt (6) xhur; u*

   *(v) ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LOW 726 u;*

   *(vi) ordnat lill-appellat Paul Mallia iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf, seba' mija, erbgħa u tletin Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€1,734.71) rappreżentanti spejjeż inkorsi mal-ħatra tal-esperti; u*

2. *Tgħaddi sabiex* ***tħassar u tirrevoka*** *dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellat Paul Mallia ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni dedotta kontrih u minflok tgħaddi sabiex issibu ħati ta' din l-imputazzjoni wkoll u konsegwentement tinfliġġi piena skont il-liġi u li hija adegwata għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, kif ukoll tikkundanna lill-appellat Paul Mallia jħallas id-danni rappreżentanti l-ħsara kawżata minnu fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCX 578."*

Rat ir-Rikors tal-appellant/appellat Paul Mallia ppreżentat fil-5 ta' Ġunju 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar id-9 ta' Marzu 2020 fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi billi filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-esponent mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni, tħassar u tirrevoka l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-esponent ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet addebitati u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena u/jew tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena nflitta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant/appellat Paul Mallia eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tibda billi tinnota li mis-sentenza appellata mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Marzu 2020 ġie ppreżentat appell kemm mill-Avukat Ġenerali u kif ukoll minn Paul Mallia.

Illi ż-żewġ appelli msemmija huma dwar apprezzamenti tal-fatti li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[2]"

[2] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Illi din il-Qorti eżaminat mill-ġdid il-provi kollha mressqa quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- L-i**Spettur Spiridione Zammit** (*a fol.* 41 *et seq.*) xehed li Sage Gauci kien fornih b'*pendrive* b'filmat dwar rapport li kien għamel. Jgħid li Gauci allega li dakinhar tal-akkadut ċertu Paul Mallia kien qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LOW 726 għall-ħabta tas-2.30pm u li dan Paul Mallia kien beda jiġri warajh waqt li hu (Gauci) kien qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCX 578. Jgħid li Gauci qal li l-istess Paul Mallia kien ħareġ għalih b'kanna ta' madwar nofs metru.

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur James Grech** (*a fol.* 48 *et seq.*) xehed li Paul Mallia kien sofra ħruq fir-residenza tiegħu ġewwa Ħal-Qormi fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' April 2018 u li tnax il-siegħa wara kien hemm ir-rapport ta' Sage Gauci dwar l-inċident tal-vettura.

- **Sage Gauci** (*a fol.* 85 *et seq.*) xehed li waqt li kien ma' ħuh telgħin mit-telgħa tal-Maltapost ġiet Land Cruiser *gas down* minn warajh u qal: *"Kien ġej gas down, beda jpaqpaq il-horn u jteptep il-bright, tefa ħdejja, jien waqaft, malli rajt li hu qalli "inżel pufta""* (*a fol.* 88). Jgħid li Paul Mallia ħareġ mill-vettura l-oħra u peress li hu (Mallia) kellu kanna ħoxna ta' madwar metru, hu (Gauci) beża u saq u Mallia reġa' daħal fil-vettura u saq warajh. Jgħid li Mallia tah daqqa fuq wara fuq in-naħa tal-lemin (in-naħa tax-xufier) u kien ser jaqlibhom. Jgħid ukoll li l-ewwel mar l-Għassa tal-Ħamrun u mbagħad mar id-Depot. Jixhed li Mallia kien biddel il-vettura u mar b'vettura ħamra waqt li reġa' niżel bl-istess kanna. Jgħid li mid-Depot bagħtuh l-Għassa tal-Marsa fejn għamel ir-rapport u jgħid li kien għamel rapport ukoll fl-Għassa tal-belt Valletta wara li oħtu rat il-vettura ta' Mallia fil-qrib tad-dar.

- L-espert **Mario Buttigieg** (*a fol.* 200 *et seq.*) xehed li sab il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LOW 726 fi stat moderatament tajjeb. Jgħid li kien hemm xi ħsarat kemm fuq in-naħa tax-xellug kif ukoll fuq in-naħa tal-lemin u fuq is-saqaf. Huwa ma eżaminax l-vettura Vitz tal-allegat vittma. Eżebixxa r-rapport redatt minnu li ġie mmarkat bħala Dok. "MB 1" (*a fol.* 204 *et seq.*).

  Meta reġa' xehed, **Mario Buttigieg** (*a fol.* 316 *et seq.*) eżebixxa r-rapport redatt minnu li ġie mmarkat bħala Dok. "MB 2" (*a fol.* 319 *et seq.*) wara li kien maħtur sabiex jagħmel eżami komparattiv bejn il-vetturi bin-numri ta' reġistrazzjoni LCX 578 u LOW 726 bil-għan li jiġi stabbilit liema ħsarat ġew ikkawżati fl-inċident mertu tal-proċeduri. Jgħid li kien ċempel lil Sage Gauci u minkejja li għamlu appuntament, dan baqa' ma marx. Jgħid li fid-19 ta' Novembru 2018 kien ġie mgħarraf li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCX 578 kienet inħarqet totalment ġewwa l-Hamrun u li minħabba f'hekk ma setax jagħmel l-eżami komparattiv. Jgħid ukoll li jum wara kienet inħarqet il-vettura tat-tfajla ta' Sage Gauci.

- L-espert **Keith Cutajar** li kien inħatar bħala espert sabiex janalizza l-*mobile* ta' Paul Mallia eżebixxa r-rapport redatt minnu li ġie mmarkat bħala Dok. "KC 1" (*a fol.* 218 *et seq.*).

- **Luke Piscopo** (*a fol.* 232 *et seq.*) li minn għandu ġie elevat is-CCTV, intwera l-filmat u kkonferma li l-filmat kien meħud mis-CCTV camera tiegħu.

- Ir-rappreżentant ta' Michael Debono Limited, **Johann Borg** (*a fol.* 245 *et seq.*) ġie muri stimi (*a fol.* 74 *et seq.*) tal-ħsarat fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCX 578 (xogħol fuq *parts* u *labour*) u l-ammont ta' erbat elef, seba' mija u sitta u sittin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€4,766.29). Huwa kkonferma d-dokumenti.

- **John Zammit** (in rappreżentanza ta' CVA Technology – *a fol.* 253 *et seq.*) ikkonferma d-dokument li jidher wara *a fol.* 78. Jgħid li s-sistema tinduna li tkun għaddiet vettura u tieħu ritratt tan-numru tar-reġistrazzjoni tagħha.

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Kylie Borg** (*a fol.* 260 *et seq.*) xehdet dwar ir-rapport ta' *arson* fuq il-proprjeta' ta' Paul Mallia, liema rapport daħal bejn id-29 u ta' 30 ta' April 2018. Tgħid li wara kienet mgħarrfa li sar inċident fejn kien involut Sage Gauci li kien mar jirraporta fit-30 ta' April 2018 dwar l-inċident li kien sar għal ħabta tas-2.00pm/2.30pm fejn hu kien għaraf lil Paul Mallia bħala l-persuna li kien qed isegwieh. Eżebiet sentenza (*a fol.* 267 *et seq.*) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Mallia** mogħtija fid-29 ta' Jannar 2018 fejn Mallia kien ġie kkundannat tliet xhur priġunerija li ġew sospiżi għal tmintax (18)-il xahar.

- **Rodney Degabriele** (*a fol.* 278 *et seq.*) xehed li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCX 578 hija tiegħu u li Sage Gauci kien uża l-vettura tiegħu biex imur jixtri xi affarijiet.

- **PS 1236 Joseph Gatt** (*a fol.* 295 *et seq.*) ikkonferma li Sage Gauci mar jagħmel rapport fit-30 ta' April 2018. Huwa kkonferma l-okkorrenza (Dok. "JG 1" – *a fol.* 68 *et seq.*) u qal x'irrapporta Gauci u x'kien qal Paul Mallia. Jgħid li Mallia qallu li hu ma kienx ħareġ mid-dar għax kien qed jistenna lill-Pulizija. Jgħid li ra l-ħsarat tal-vettura li kien qed isuq Sage Gauci peress li kien ipparkjaha quddiem l-Għassa tal-Pulizija tal-Marsa.

- Fl-istqarrija (Dok. "MM 1" – *a fol.* 304 *et seq.*) rilaxxata minn Paul Mallia jirriżulta li ħafna drabi t-tweġibiet tiegħu kienu jew fin-negattiv jew inkella għażel li ma jweġibx.

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat**

**<u>Rigward l-Aggravji Mressqa mill-Avukat Ġenerali</u>**

<u>L-Ewwel Aggravju tal-Avukat Ġenerali</u>:
Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali jissottometti li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta ma sabitx lil Paul Mallia ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni. Jisħaq li l-fatti legalment jikkostitwixxu bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt kontemplat f'Artikolu 216(1)(a)(i)(ii)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux atti preparatorji u jargumenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel distinzjoni bejn atti preparatorji u atti tal-eżekuzzjoni tad-delitt. Jagħmel riferenza għal dak li jgħid il-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu u jgħid għaliex skont hu jirriżultaw ippruvati t-tliet elementi essenzjali[3] sabiex jissussisti r-reat ta' tentattiv ta' offiża gravi fuq Sage Gauci. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 407):

> "Illi karatteristika komuni bejn ix-xhieda "pajżana" prinċipali: Sage Gauci u Rodney Joseph Degabriele, u l-imputat (fir-rigward ta' dak il-ftit li qal lill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni) hija n-nuqqas ta' kredibbilita' tagħhom. Gauci u Degabriele mhux biss jikkontradixxu lil xulxin imma jgħidu affarijiet li assolutament mhux verosimili. L-imputat da parti tiegħu huwa kontradett minn fatti oħra li jirriżultaw b'mod inkonfutabbli mill-atti proċesswali."

Aktar tard l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tgħid hekk (*a fol.* 408):

---

[3] *"An overt act manifesting the intent to commit a crime", "a commencement of the execution of the crime", "the non-completion of the crime by reason of accidental circumstances independent of the will of the offender".*

> "Illi kif ġustament jirrimarka d-difensur ta' l-imputat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'dik il-parti tiegħu l-filmat ma jurix in-*number plates* tal-vetturi konċernati u lanqas is-sewwieqa. Minkejja dan il-karozzi li jidhru fil-filmat huma ta' l-istess marka u kulur tal-karozzi li fil-ġurnata in eżami kienu misjuqa mill-imputat u minn Sage Gauci.
>
> Illi l-filmat mhux l-unika prova in atti, u l-Qorti hija obbligata tevalwa l-provi fl-assjem tagħhom u għalkemm fil-mument ta' l-impatt in-numri tal-vetturi ma jidhrux u lanqas jidher is-sewwieq hemm provi oħra indiretti li a bażi tagħhom il-Qorti tista' tikkonkludi li s-sewwieq tal-Land Cruiser kien l-imputat."

Illi l-kwistjoni legali hija jekk dak li għamel Paul Mallia meta ħareġ bil-kanna għal Sage Gauci u li daħal fuqu bil-vettura jammontax għall-atti preparattivi jew għall-atti eżekuttivi. Skont Artikolu 41 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex ikun hemm tentattiv ta' reat iridu jiġu ppruvati s-segwenti elementi: (a) atti jew atti esterni li juri jew juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkommetti r-reat; (b) bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt; u (ċ) in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-delitt minħabba ċirkostanzi indipendenti mill-volonta' tal-ħati.

Illi kif jikteb il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law</u> (First Year – Criminal Law):

> *"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third [...].*
>
> *The distinction between acts of 'preparation' and acts of 'execution' is of fundamental importance in the theory of criminal attempts. In practice, such distinction is often most difficult and it has taxed the ingenuity of jurists and text-writers to try and work out a satisfactory abstract test of differentiation. The matter is a difficult one [...]."*

Illi f'dan il-każ irid jiġi eżaminat jekk hemmx prova li Paul Mallia kellu l-intenzjoni speċifika li jikkawża waħda mill-konsegwenzi elenkati f'Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għandu jingħad li jrid ikun hemm atti esterni li bihom Paul Mallia beda l-eżekuzzjoni tar-reat u dan in linea ma' dak li ġie deċiż fis-sentenza mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa** (Numru 5/1988) fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) wara li kkwotat dak li kiteb Francesco Antolisei fil-ktieb tiegħu <u>Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I</u> (Giuffre` (Milano) (edizzjoni tal-1986) qalet hekk:

> "Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem ġiet aċċettata mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali tagħna, u ċioè li jista' jkollok tentattiv ta' offiża gravi jew tentattiv ta' offiża gravissima, purché jiġi pruvat li l-aġent kellu l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna xi waħda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiża gravi jew l-offiża gravissima skont il-każ. Hekk, per eżempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni speċifika li ġġiegħelha teħles qabel iż-żmien jew bl-intenzjoni speċifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-ħsieb tagħha (u salv l-elementi l-oħra kollha tat-tentattiv) huwa konċepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiża gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiża gravissima fit-tieni lok."

Illi fir-rigward tal-każ mertu ta' dan l-appell wieħed irid jiddistingwi dan il-każ minn, per eżempju, każ ta' tentattiv ta' serq fejn jekk wieħed imiss it-tieqa huwa jkun *"oltrepassa l-fruntiera li tifred l-atti preparatorji minn dawk li jagħtu bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt"* u dan kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Frar 1993 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno sive Reno Zarb**. Trid issir distinzjoni wkoll minn dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Lulju 1984 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Patrick Ciantar et** fejn din il-Qorti diversament preseduta qieset bħala att ta' eżekuzzjoni li wieħed

idaħħal iċ-ċavetta fis-serratura tal-bieba bħala att ta' konsumazzjoni u mhux bħala att ta' preparazzjoni.

Illi fil-każ odjern l-prova tal-att tal-eżekuzzjoni tinħtieġ il-prova tal-intenzjoni speċifika li b'xi mod wieħed jikkawża xi reat elenkat f'Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-analiżi hija differenti minn dik ta' att ta' eżekuzzjoni fir-reat ta' serq. Huwa veru li jirriżulta li Paul Mallia niżel mill-vettura b'kanna f'idejh iżda ma hemm l-ebda prova li pprova jagħti xi daqqa bil-kanna fl-istadji kollha tal-inċident. In fatti, Sage Gauci saq minn fuq il-post meta ra lil Mallia javviċinah. Tassew li Paul Mallia ħabat ġol-vettura li kien qed isuq Sage Gauci bl-intenzjoni li jaħbat ġo fiha iżda minn imkien ma jirriżulta li Sage Gauci sofra xi ġrieħi għalkemm beża'.

Illi mill-analiżi tal-provi prodotti ma tirriżultax l-intenzjoni speċifika li għaliha diġa' saret riferenza. Konsegwentement m'hemmx il-bidu tal-eżekuzzjoni għal xi delitt ikkontemplat f'Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali qed ikun miċħud.

<u>It-Tieni Aggravju tal-Avukat Ġenerali</u>:
Illi t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li l-Ewwel Qorti, wara li sabet lil Paul Mallia ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u ċioè dik li tirrigwarda ħsara volontarja, naqset milli tikkundannah iħallas id-danni kkawżati minnu fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCX 578 u dan *ai termini* ta' Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tinnota mill-ewwel li l-Avukat Ġenerali għandu raġun dwar dan l-aggravju. Fl-atti proċesswali ġew ippreżentati l-istimi tal-ħsara u dawn ġew ikkonfermati bil-ġurament. Jirriżulta li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCX 578 ma kinitx ta' Sage Gauci imma ta' Rodney Joseph Degabriele, liema vettura nħarqet qabel seta' jeżaminaha l-espert Mario Buttigieg.

Illi m'hemmx dubju li l-vettura msemmija sofriet ħsarat b'riżultat tal-aġir ta' Paul Mallia u li l-ħsarat jammontaw għal erbat elef, seba' mija u sitta u sittin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€4,766.29). Għaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali u ser tikkundanna lil Paul Mallia iħallas is-somma msemmija lil Rodney Joseph Degabriele.

**Ikkunsidrat**

**Rigward l-Aggravji Mressqa minn Paul Mallia**

L-Ewwel Aggravju ta' Paul Mallia:
Illi l-ewwel aggravju ta' Paul Mallia huwa li minkejja li hu kien talab li jiġi elevat it-telefon ċellulari ta' Sage Gauci biex isiru *localisation* u *call profile* mid-29 ta' April 2018 sal-24 ta' Mejju 2018, l-Ewwel Qorti qatt ma ddegretat din it-talba u b'hekk hu tilef iċ-ċans ta' prova essenzjali li kienet tgħin turi l-infondatezza ta' dak li stqarr l-istess Sage Gauci.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 20 *et seq.*) saret talba lill-Ewwel Qorti biex jiġi elevat il-*mobile* ta' Sage Gauci kif hawn fuq imsemmi u l-Ewwel Qorti rriżervat li tipprovdi dwar it-talba fi stadju ulterjuri. Din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dan l-aggravju għajr li jekk id-difiża ħasset li kellha tinsisti dwar din it-talba tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, hija messha talbet li din it-talba tagħha tiġi deċiża u mhux tiġi issa fi stadju ta' appell u tqajjimha bħala aggravju. Minn dakinhar li saret it-talba sakemm ingħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Marzu 2020 għaddew kważi sentejn. Din il-Qorti tqies li d-difiża kellha żmien biżżejjed sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-Ewwel Qorti dwar it-talba tagħha. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju ta' Paul Mallia.

It-Tieni Aggravju ta' Paul Mallia:
Illi f'dan it-tieni aggravju Mallia jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet enunċazzjoni skorretta u mhux kompluta tal-provi. Jargumenta li l-Ewwel Qorti qalet li d-diversi *cameras* tas-CVA juruh dieħel u

ħiereġ il-belt Valletta diversi drabi u dan kuntrarjament għal dak li stqarr hu. Jisħaq li din hija konklużjoni skorretta kif juru r-ritratti *a fol.* 79 *et seq.* minn liema jirriżulta li hu dam erba' minuti u erbgħin sekonda fil-belt Valletta. Jisħaq li x'imkien hemm żball peress li dawn juru li l-vettura daħlet tliet darbiet però ħarġet darba biss. Jgħid li l-vettura tiegħu daħlet fil-belt Valletta fis-7.38:36 tat-30 ta' April 2018 u ma ħarġet qatt u b'hekk ma setax ikun fil-viċinanzi fejn kien seħħ ir-reat li tiegħu nstab ħati. Jargumenta li l-Ewwel Qorti jew qed tasal għall-konklużjoni ta' ħtija fuq prova diretta konsistenti f'identifikazzjoni jew fuq prova ċirkostanzjali. Jisħaq li r-rapport tal-espert Mario Buttigieg idgħajjef it-teżi tal-*parte civile* u li lanqas hu ċar minn fejn ġie elevat is-CCTV *footage* eżebit.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha wara eżami tal-provi ċirkostanzjali b'mod partikolari l-filmat meħud mis-CCTV. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 408):

> "Illi bla dubju ta' xejn l-aktar prova importanti u relevanti hija l-filmat meħud mis-CCTV. Dan juri vettura ta' tip Toyota Viz għaddejja b'ċertu veloċita' fil-karreġġjata tax-xellug u Land Cruiser fil-karreġġjata tal-lemin. F'ħin minnhom eżatt qabel bend it-Toyota, li quddiemha kien hemm van kbir, tidher ħierġa fil-karreġġjata tal-lemin; il-Land Crusier leħaq magħha u baqa' dieħel fiha, u jerġa' jagħti daqqa oħra. Wara din it-tieni daqqa ż-żewġ vetturi komplew isuqu waħda wara l-oħra fil-karreġġjata tax-xellug sa kemm wara ftit l-Land Cruiser terġa' toħroġ għall-karreġġjata tal-lemin u minn hemm terġa' ssuq dritt għal fuq il-Vitz."

Illi anke jekk fil-filmat in-numri tal-vetturi ma jidhrux imma l-vetturi kienu tal-istess marka u kulur tal-vetturi li fil-jum imsemmi kienu qed jinstaqu minn -Sage Gauci u minn Paul Mallia. Mill-provi prodotti jirriżuta li Paul Mallia għandu Land

Cruiser fuq ismu. Minn naħa l-oħra, l-propjetarju tal-vettura tal-vittma wkoll kellu l-Vitz fuq ismu u talab il-vettura lura.

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel mal-kummenti li saru mill-Ewwel Qorti dwar il-kredibilita' ta' ċerti xhieda, ma teskludiex għal kollox ix-xiehda ta' Sage Gauci u dana peress li xhud jista' jitwemmen f'kollox jew jista' jitwemmen f'parti u ma jitwemminx f'partijiet oħra. Din il-Qorti ma għandha ebda dubju li Sage Gauci mar jirraporta l-Għassa kif ukoll li ra lil Paul Mallia jsuq għal fuqu u raħ bil-kanna f'idejh. Dawn huma dettalji li din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita minnhom.

Illi dwar minn fejn inġabar is-CCTV minħabba li żewġ xhieda jagħtu sors differenti, din il-Qorti kkunsidrat li tela' jixhed sid il-*cameras* li qal li ma tantx jifhem. Il-fatt li huwa s-sid din il-Qorti tqies li hija l-aqwa prova fiċ-ċirkostanzi. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tieni aggravju ta' Paul Mallia.

<u>It-Tielet Aggravju ta' Paul Mallia</u>:
Illi fit-tielet aggravju tiegħu Mallia jgħid li mingħajr preġudizzju għal dak diġà sottomess minnu, l-istimi eżebiti ma jikkonfermaw bl-ebda mod li l-ħsara fuq it-Toyota Vitz saret konsegwenza tal-inċident tat-30 ta' April 2018. Jgħid li t-Toyota Vitz qatt ma ġiet eżaminata mill-espert nominat. Jgħid li hija nieqsa l-prova rikjesta biex isir l-eżerċizzju meħtieġ għall-finijiet ta' Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-vettura in kwistjoni nħarqet u għalhekk ma setgħetx tiġi eżaminata. B'daqshekk ma jfissirx li m'hemmx provi oħra li l-ħsarat seħħew. Fil-fatt kemm il-filmat tas-CCTV kif ukoll ix-xiehda ta' Sage Gauci ma jħallu ebda dubju dwar il-fatt li d-daqqiet fuq il-Vitz saru minn Paul Mallia għal aktar minn darba u ħadd aktar ma għamilhom.

Illi ma' dak li għadu kemm ingħad, din il-Qorti tgħid ukoll li l-istimi tal-ħsarat saru minn persuna li taħdem mal-aġent tat-

Toyota u Sage Gauci kellu jeħodha għand xi ħadd għaliex hu kien qed isuq vettura li ma kinitx tiegħu. Barra minn hekk meta xehed sid il-vettura dan qal li kien mar jaħdem bil-vettura u mbagħad kellha tmur tiġbru l-mara. Imkien ma semma li l-vettura tiegħu kellha xi ħsara.

Illi l-imputazzjoni dwar is-sewqan traskurat, bla kont u perikoluż tirriżulta ampjament. Mill-filmat jirriżulta s-sewqan perikoluż u dana meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-6 ta' Mejju 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud**. Mill-filmat jirriżultaw ukoll ir-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni li kollha għandhom x'jaqsmu ma' kontravenzjonijiet tat-traffiku. M'hemmx dubju wkoll li r-reat twettaq fi żmien tliet xhur tas-sentenza sospiża u li Paul Mallia għandu jitqies bħala reċidiv taħt Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju ta' Paul Mallia.

<u>Ir-Raba' Aggravju ta' Paul Mallia</u>:
Illi r-raba' aggravju ta' Mallia huwa li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LOW 726 peress li qatt ma ġiet eżebita fl-atti.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li minkejja li l-*parte civile* kienet talbet lill-Ewwel Qorti biex tordna li tiġi elevata l-vettura in kwistjoni sabiex isiru t-testijiet fuqha, din il-vettura qatt ma ġiet eżebita formalment u għaldaqstant Paul Mallia għandu raġun f'dan l-aggravju. Għaldaqstant din il-Qorti ser tilqa' ir-raba' aggravju ta' Paul Mallia.

<u>Il-Ħames Aggravju ta' Paul Mallia</u>:
Illi f'dan l-aggravju Paul Mallia jilmenta li l-piena hija waħda eċċessiva.

Illi din il-Qorti qieset dak li qalet l-Uffiċjal tal-*Probation* Sarah Bezzina li ħejjiet *Social Inquiry Report* (*a fol.* 470 *et seq.*) fil-konfront ta' Paul Mallia. L-Uffiċjal tal-*Probation* Sarah Bezzina (*a fol.* 484 *et*

*seq.*) xehdet quddiem din il-Qorti diversament preseduta li Paul Mallia jista' jibqa' jgħix ħajja produttiva għaliex għandu n-negozju tiegħu fejn ilu jaħdem għoxrin sena u fejn qalet li Sage Gauci qal li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li Paul Mallia jmur il-ħabs u li minn naħa tiegħu ried iwaqqaf kollox.

Illi minkejja dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tinnota li fid-29 ta' Jannar 2018 Paul Mallia ngħata sentenza (Dok. "KB 1" – *a fol.* 267 *et seq.*) ta' tliet xhur priġunerija liema terminu ġie sospiż għal perjodu ta' tmintax il-xahar u li tliet xhur wara l-għoti ta' din is-sentenza huwa kkommetta l-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Barra dan, Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jimponi piena ta' mill-anqas tmintax-il xahar jekk l-ammont ta' ħsara tkun iżjed minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500).

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ħames aggravju ta' Paul Mallia (b'mod partikolari l-fatt li huwa wettaq reat meta lanqas biss kienu għadhom għaddew tliet xhur minn meta ngħatat is-sentenza sospiża), b'hekk din il-Qorti qed tiċħad il-ħames aggravju tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* kemm l-appell imressaq minn Paul Mallia u kif ukoll mill-Avukat Ġenerali u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma s-sejbien ta' ħtija ta' Paul Mallia fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati fis-sentenza appellata u tikkonferma wkoll in-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija tiegħu fl-ewwel (1) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn Paul Mallia ġie kkundannat tmintax-il xahar priġunerija u fejn ġie applikat Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u

iddaħħlet fis-seħħ is-sentenza sospiża mogħtija fid-29 ta' Jannar 2018 permezz ta' liema sentenza Paul Mallia kien ġie kkundannat tliet xhur priġunerija;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn Paul Mallia ġie skwalifikat minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sitt xhur liema perjodu għandu jibda jiddekorri wara li jkun skonta l-priġunerija kollha;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn Paul Mallia ġie ordnat iħallas l-ispejjeż tal-esperti li jammontaw għal elf, seba' mija u erbgħa u tletin Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€1734.71);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LOW 726 u tordna li din il-vettura m'għandhiex tibqa' konfiskata;

- tordna li, skont Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Paul Mallia jħallas l-ispejjeż tad-danni fl-ammont ta' erbat elef, seba' mija u sitta u sittin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€4,766.29) lil sid il-Vitz jiġifieri lil Rodney Joseph Degabriele.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**